

Neereman, inġinier tas-'software' (xellug), flimkien ma' familtha - "Żgur li għandna t-tama – aħna Kristjani – aħna għandna t-tama fi Kristu.".

Tamitna fi Kristu

Fi żjara ta' ħamest ijiem iltqajna ma' mijiet ta' familji - 30 persuna jgħixu f'dar waħda, imrassin fi swali ta' skejjel u li jgħixu fi kmamar prefabbrikati – ilkoll kemm huma grati li għadhom ħajjin. Il-kriżi affetwat lil kull tip ta' nies tal-komunità, imma l-aktar li ħassewha kienu ż-żgħażagħ li jħossuhom imċaħħdin minn futur fis-sod. Kollha jgħidulek "ħudna magħkom". Iltqajna ma' Neereman, inġinier tas-'software', imma bħall-oħrajn m'għandhiex xogħol. Il-ħajja ta' nies ta' skola u ta' nies produttivi insterqitilhom. Xi negozji żgħar qed jinfethu, iżda l-maġġoranza tan-nies tinsab bla xogħol. Minkejja l-ansjetà, ħafna żgħażagħ bħal Neereman, iżommu sod mal-fidi tagħhom. Qaltilna "Żgur li għandna t-tama – aħna Kristjani – aħna għandna t-tama fi Kristu." Bl-għajnuna tal-Aid to the Church in Need, il-Knisja qed tagħmel l-almu tagħha biex tinkludi liż-żgħażagħ li jafu xi sengħa fil-proġetti tagħha, sabiex b'hekk jerġgħu jsibu għan f'ħajjithom, hekk kif ikunu qed jgħinu lil nies oħra. L-Aid to the Church in Need qed tassisti fi proġetti varji t'edukazzjoni u dawn ikunu ta' diversi benefiċċji għaż-żgħażagħ, imma għad fadal ħafna x'isir. Nitolbukom tibqgħu tagħtu s-sosteniment tagħkom għax xogħol li twettaq l-Aid to the Church in Need fl-Iraq. ●

Intom it-tama ta' ħajjitna

Rapport dwar it-Tramuntana tal-Iraq, fejn int qed toffri l-għajnuna u t-tama lill-Kristjani mxerrda u oħrajn li qed jaħarbu l-persekuzzjoni.



Tfal minn familja mxerrda fl-Iraq, qed jgħixu fil-kamp ta' Ozal City, Erbil, bl-oħt il-kbira żżomm lil oħtha ż-żgħira. Il-familji qed jgħixu f'medja ta' 30 persuna kull dar.



"Il-bżonnijiet huma kbar ħafna. Il-Knisja kisbet ħafna, iżda għad fadal x'jitwettaq. L- akkomodazzjoni, il-kura u assitenza medika u l-edukazzjoni huma l-prijoritajiet bħalissa. "

L-Arċisqof tal-Kattoliċi Kaldej f'Erbil, l-Iraq, Mons. Bashar Warda, li qed jieħu ħsieb il-bżonnijiet għal 120,000 persuna mifruxa fit-Tramuntana Kurda tal-Iraq, qed juri l-ħtiġijiet urġenti ta' niesu. "Itilqu – jew ibnu ħajja ġdida ħawnhekk, fit-Tramuntana tal-Iraq" saħaq l-Arċisqof, Bashar Warda. Huwa jinsab inkwetat dwar id-dinjità ta' niesu li tant batew minn mindu kellhom jaħarbu minn djarhom f'Mosul u fil-Wied tan-Nineveh meta l-IS invadewhom matul is-sajf tas-sena 2014.

Eluf ta' familji ħarbu, iżda li wieħed imur lura m'hijiex għażla – ma fadalx fiduċja. Il-messaġġ qares mill-estremisti li ħabbru kemm-il darba: "Tixtrux djar tal-Kristjani, għad teħduhom b'xejn", waħal fis-seħħ.

L-Arċisqof Bashar Warda ifakkar kif is-sena li għaddiet il-Knisja għamlet minn kollox sabiex tgħin eluf ta' Kristjani li bdew jaħarbu minħabba theddid biex jikkonvertu għall-Iżlam jew "jiffaċjaw ix-xabla" mill-IS.

Hu rringrazzja ħafna lill-benefatturi tal-Aid to the Church in Need li kienu strumentali u t-tama għal ħafna f'din is-sitwazzjoni ta' ħajja jew mewt. L-Aid to the Church in Need provdiet 60% tal-għajnuna t'emerġenza mogħtija lil dawn in-nies – ikel, mediċini u kenn, kif ukoll il-bini ta' tmien skejjel f'Dohuk u Ankawa għal 15,000 tifel u tifla. Grazzi lill-benefatturi Maltin u Għawdxin li taw sehemhom f'din l-għajnuna.

Din l-għajnuna ppermettiet ukoll lill-kleru, reliġjużi u lajċi sabiex ikomplu t-tradizzjonijiet Kristjani u jkunu raġġ ta' tama fil-qalba ta' dan id-disperament.

Il-bżonnijiet essenzjali meħtieġa għall-familji qed jintlaħqu u bħalissa qed jitilqu mill-kenn temporanju biex jgħixu fi djar mikrija, li allavolja qed jabitaw ħafna nies fihom, qed jgħinu biex dawn in-nies jiksbu d-dinjità tagħhom lura.

Biss il-bżonnijiet huma kbar ħafna u n-nies huma dipendenti mill-għajnuna tagħna. L-Arċisqof Bashar Warda jappella għal aktar għajnuna: "Nitlobkom biex tiftakruna u ibqgħu irrakkuntaw il-ġrajjiet tagħna fil-knejjes tagħkom, lill-media u lill-politiċi – tinsewx lill-Kristjani tal-Lvant Nofsani".

Tabilħaqq, il-fidi ta' kull Kristjan li niltaqgħu mieghu f'dawn il-postijiet hi waħda li tispirak u lkoll japprezzaw u jirringrazzjaw lilkom, benefatturi tal-Aid to the Church in Need.

Grazzi għat-talb kontinwu u l-kompassjoni tagħkom . ●

Leali iżda bil-biża' f'għajnejhom



Inħarrġu s-saċerdoti t'għada: "Nirringrazzjawkom ta' dak kollu li għamiltu magħna u tas-sapport li tajtu lis-Seminarju. Jekk taraw saċerdot żagħżugħ tistgħu tgħidu li hu ġie megħejun mill-Aid to the Church in Need.", Fr. Fadi, ir-Rettur tas-Seminarju.

Ingħaqadna flimkien ma' Fr. Fadi Lion Nissan, ir-Rettur tas-Seminarju ta' San Pawl u 25 seminarista – għall-Għasar.

F'din l-aħħar parti taż-żjara tagħna kien mument ta' paċi u trankwilità, hekk kif ix-xemx kienet nieżla, dawn iż-żgħażagħ bdew ikantaw tifħir mill-qalb lil Alla.

Aktar tard, wara pranzu sempliċi, Fr. Fadi għamel riflessjoni: "Is-Saċerdozju fl-Iraq ma jfissirx biss il-ħajja sagramentali... ifisser ukoll li tagħti ħajtek. Jekk qieghed Baghdad tista' tinqatel fi kwalikwe ġurnata f'nofs ta' triq, jew saħansitra bi splużjoni. Dawn is-seminaristi jhobbu u jgħixu l-vokazzjoni tagħhom, imma kultant tista' taqra l-biża' f'għajnejhom.

Nitolbukom titolbu għalihom. Alla jberikkom." ●

Aid to the Church in Need Malta 39b, Triq l-Mdina, Attard, ATD 9038

Ċempel 21487818 | Onlajn www.acnmalta.org | fuq Twitter @acn_malta | u fuq Facebook Aid to the Church in Need Malta

Ngħinu llum lill-Knisja sofferenti

Aid to the Church in Need (Malta)
Prayer • Information • Action

Il-kundizzjonijiet tal-mard kroniku huma ta' sfida enormi

Fl-aħħar żjara li għamlet Delegazzjoni tal-ACN, din setgħet tara id-differenza li l-Aid to the Church in Need qed tagħmel fl-Iraq. Hemmhekk, id-Delegazzjoni, iltaqgħet ma' ħafna familji li qed jiġu megħjuna grazzi għall-ġenerożità kbira tagħkom.

Tamara Sadar, tifla ta' ħdax-il sena, laqgħet id-delegazzjoni tal-ACN mal-ġenituri tagħha barra mid-dar prefabbrikata li qed jgħixu fiha. Tamara hi tifla minn familja ta' sebgħa li ħarbet minn Qaraqosh u bħalissa din il-familja qed tiġi megħjuna minn l-Arċisqof Bashar ġo kamp f'Ankawa, fit-Tramuntana tal-Iraq. Amal Sarda, missier Tamara, huwa eżempju ċar tal-kumplessità tal-bżonnijiet ta' kuljum li jirrikjiedu dawn ħutna fl-Iraq. Hu jbati minn dijabete akuta, kif ukoll kienu sparawlu l-IS. Hekk kif kien qed jirkupra, il-kundizzjoni tad-dijabete tiegħu kompliet tmur għall-aħħar. Tlett ijiem qabel iż-żjara tad-delegazzjoni, parti minn riġlejh ġiet maqtugħa. Il-kundizzjonijiet tal-mard kroniku huma sfida enormi fil-kampijiet. Minħajr kontinwità t'assistenza medika, nies li jiddependu minn mediċini u trattamenti regolari huma vulnerabli. L-Aid to the Church in Need qed tforni mediċini vitali kif ukoll 'counselling' lill-familji trawmatizzati mill-esperjenzi li għaddejjin minnhom. Omm Tamara, Mte Sardar, li tilfet għajn, qed tagħmel minn kollox biex iżżomm il-familja tagħha magħquda. Hi tinkwieta ħafna għas-saħħa t'uliedha fil-kundizzjonijiet tal-kampijiet.

Bis-saħħa tal-ġenerożità tiegħek l-Aid to the Church in Need tista' tkompli tagħti l-għajnuna lil familji bħal dawn.



Tamara (tallug), flimkien ma' missierha, ommha u ħaħa, ilkoll qed jiġu megħjuna mill-benefatturi tal-Aid to the Church in Need.



Sorijiet Dumnikani, bl-għajnuna tal-Aid to the Church in Need qed jagħtu s-servizz lir-refuġjati. Suor Suhama qaltilna: "Il-preżenza tas-saċerdoti u s-sorijiet hija importanti ħafna – għaliex in-nies qed ifittxu l-fejqan."



Fr. Douglas Bazi

Grazzi mill-qalb li qed tgħinuhom jerġgħu jnisslu tbissima.

Fl-2006 Fr. Douglas Bazi kien inħataf minn militanti Iżlamiċi li kienu attakawh, kisrulu siequ, sparawlu, kissrulu xi snien b'daqqiet ta' ponn u ċaħħduh milli jixrob l-ilma għal erbat ijiem sħaħ sakemm tilħaqlas is-somma għall-helsien tiegħu.

Fr. Douglas jifhem sew it-trawmi li ħafna familji għaddew minnhom u kif l-istress u d-depressjoni jċaħħdu lin-nies mit-tama.

Meta d-Delegazzjoni kienet rat dokumentarju fuq BBC 2 'Kill the Christians,' fejn deher ukoll Fr. Bazi, id-Delegazzjoni mill-ACN kienet onorata tiltaqa' mieg ħu biex jitkellmu dwar iċ-Ċentru li fetaħ is-sena l-oħra – iċ-Ċentru Mar Elias, f'Ankawa, l-Iraq.

Bis-saħħa tal-ġenerożità tagħkom, il-benefatturi tal-Aid to the Church in Need, Fr. Douglas, flimkien mat-tim tal-volontiera - inklużi refuġjati abbli ħafna f'xi snajja' - ħadmu ħafna biex jgħatu futur aħjar lil 120 familja (600 persuna) li jiddependu mill-għajnuna u s-sapport spiritwali tal-Parroċċa tiegħu.

Id-dedikazzjoni ta' Fr. Douglas tispira lil ħafna, bħal Malu, li joffru t-talenti u l-ħin tagħhom għas-servizz biex jgħinu lill-oħrajn. Malu, hija għalliema u offriet minn jeddha li tgħin f'dan iċ-Ċentru. Is-sena l-oħra kienet thares lejn dawn ir-refuġjati bħala 'nies imkissra' u kienet tgħid: "Kif qatt nistgħu nerġgħu naraw lil dawn in-nies jitbissmu?" Hekk kif illum qed tara lit-tfal wiċċhom għaddawl u bi tbissima fuq wiċċhom, Malu spjegatilna l-istrateġija wara xogħolha:

"It-tfal żgħar jaddattaw l-aktar malajr, għalhekk l-iskola darrejniehom b'ċertu rutini, attivitajiet, lezzjonijiet u affarijiet li jimmotivawhom."

Lit-tfal akbar involvejniehom fl-affarijiet, tajniehom struttura u fl-istess ħin inkludejna attivitajiet li jieħdu gost jagħmlu. Wara ftit bdejna naraw lil dawn it-tfal jitbissmu u bdejna nisimgħuhom jidħku. U hekk, kif il-ġenituri bdew jaraw lil uliedhom jgħixu mill-ġdid, il-ġenituri li qlubhom huma ferm imnikkta, bdew jimtlew bit-tama."

Ftit żmien boghod, skola ffinanzjata mill-Aid to the Church in Need ser tinfetaħ aktar tard din il-ħarifa. Il-ġenituri u t-tfal huma eċċitati immens. Din hija komunità ta' ħbieb li huma lkoll determinati li jagħmlu l-aħjar li jistgħu għal uliedhom – anke għall-erba' trabi li twieldu kemm ilu li nfetaħ iċ-ċentru!

Fr. Bazi huwa grat ħafna għall-benefatturi tal-Aid to the Church in Need. Bl-għajnuna tagħkom hu jista' jkompli jsostni lil niesu b'kull mod. ●



Fr. Douglas qalilna: "Meta jaraw lil uliedhom jgħixu mill-ġdid, il-ġenituri, li qalbhom hija mnikkta ferm, jibdew iħossuhom aħjar huma wkoll."



Qatt minsija: L-għajnuna li int qed tagħti qed tolqot li tant familji li qatt m'int ser tiltaqa' magħhom. Huma jafu li m'humiex minsija.

Inkomplu nibnu futur għat-Tramuntana tal-Iraq

Qed inkomplu nipprovdu l-ikel, mediċini u speċjeż tal-kera bħala akkomodazzjoni għall-familji refuġjati. Ħafna minnhom huma konxji li l-futur tagħhom jiddependi mill-ħbierija u l-kompassjoni tan-nies li qatt m'ħuma ser jiltaqgħu magħhom – nies bħalek, il-benefatturi tal-Aid to the Church in Need. Iżda huma jafdaw f'Alla u jittamaw li jsaħħu l-fiduċja tagħhom sabiex jibnu litteralment – futur ġdid għat-Tramuntana tal-Iraq.

Jekk kollox imur sew, djar ġodda, parroċċi, komunitajiet, skejjel u saħansitra università għad joħolqu aktar xogħol, li ħawn tant bżonnu, u li jagħti lill-Kristjani futur. Kif qalet sew waħda mill-familji: "Aħna fiduċjużi f'din il-belt. Ejjew nibnu darna ħawnhekk." ●

Issa sirt naf xi jfisser tkun Saċerdot.

Fr. Samir mid-Djoċesi ta' Zakho u Amadiya, fit-Tramuntana tal-Iraq.



L-Aid to the Church in Need qed tgħin gruppi ta' minoritajiet oħra bħall-familji Jażidi, li wkoll batew ħafna taħt l-IS.

Wara li d-delegati tal-ACN instaqu għal erba' sigħat mis-sewwieqa armati tal-protokoll lejn it-Tramuntana (f'ħin minnhom b'veloċità ta' 180 kilometru fis-siegħa!), għaddew viċin tat-territorji tal-IS biex finalment iltaqgħu ma' Fr. Samir tad-Djoċesi ta' Zakho u Amadiya. Sa dan l-aħħar, iċ-Ċentru Pastorali li l-Aid to the Church in Need qed tgħin, kien il-kenn ta' mijiet ta' familji refuġjati, uħud mill-eluf li waslu mill-muntanji wara li ħarbu minn djarhom biex isalvaw. Għall-bidu dawn kienu qed jistaħbew taħt is-siġar jew ġol-karozzi. Parruċċan kien salva 22 orfni. Fr. Samir qalilna: "L-iljieli ħawnhekk keħħin tassew, u kelli funeral kuljum għal aktar minn xahrejn."

Hu kompla qal: "L-IS urew il-ħażen, imma Ġesù Kristu żvela mħabbtu meta ftaħna l-bibien tagħna għal kulħadd – Kristjani, Jażidi, Sunni, Xiti u oħrajn. Illum, ħafna minnhom jinħaqdu magħna għall-Quddies." Xi ħadd issuġerixxa: "Intom permezz tagħhom qed isservu 'l Kristu fihom u huma qed jaraw lil Kristu fikom." Emozzjonat għall-aħħar, Fr. Samir wieġeb: "Iva, sa ftit ilu ma kontx naf x'ifisser tkun 'Abouna' – Saċerdot." ●